**Tbati meta tħobb**

Tkun ħabbejt tassew minn qalbek
U minfuq jgħadduk b'miġnun,
Inkella titkellem minn qalbek
Jgħidu bik li int brikkun.

Imbagħad in-nies li warrabna
Jaslu jagħmlu xi storja,
U biex nissuktaw inweġġgħuhom
Infakkruhom b'memorja.

'Mma b'min irridu nidħku
Il-kuxjenza tniggiżna,
Għax meta kienu jgħixu magħna
Warrabniehom, tqażżiżna.

Ħa noħduha b'tiswija
Nitilqu l-egoiżmu,
Nieħdu ħsieb lin-nies l'hawn waħedhom
W infiequ mill-pessimiżmu.

Anki jekk ikollna nbatu
Għax inkunu ħabbejna,
Fis-siegħa tal-ġudizzju tagħna
Ninħafru għax ħennejna.

Dak tassew li fl-aħħar jiswa
Mhux kemm ġrejna 'l hawn u l'hemm,
Dak hu biss ġiri kollu frugħa
Li jaf jiswilna biss hemm.

Għalhekk inti li qed taqra
Dawn l-erba' kelmiet, ibd'għożż,
Lil dawk kollha li jlaqqgħek magħhom
Ħu ħsiebhom u lilhom ħobb.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.